# V.DA KONFRATERNITA

# TAL-B.V.M TAL-KARMELU

## A.D. 1801



30 ta’ Ġunju 2010

Huti Fratelli,

Reġgħet waslet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, il-festa tant għażiża għalina l-Karmelitani Żrieraq.  Biex nitħejjew tajjeb b’mod spiritwali, il-Fratellanza, b’kollaborazzjoni sħiħa ma’ l-Arċipriet, Dun Charles Attard, ħejjiet programm ta’ funzjonijiet reliġjużi li jinfirex bejn it-22 ta’ Ġunju u l-25 ta’ Lulju fejn il-festa tilħaq il-qofol tagħha bil-laqgħa kbira li aħna ż-Żrieraq nagħmlu lill-Omm u Reġina tagħna, Marija Santissima, taħt it-titlu ferm devot u sabiħ tal-Karmnu.

Inħeġġiġkom biex tattendu numerużi għal Jum il-Fratellanza, li jaħbat nhar it-Tlieta, 20 ta’ Lulju.  Intom mitluba tkunu l-knisja fis-6.00p.m. biex lebsin il-konfratija u l-muzzetta tieħdu sehem fil-quddiesa kantata li warajha ssir il-Professjoni tal-Fratelli u Sorelli ġodda.

Nieħdu ħsieb nippreparaw ruħna kif inhu xieraq għall-festa tant għażiża tagħna billi nattendu għall-funzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja, kif ukoll biex nimxu wara Ommna Marija fil-purċissjoni devota ta’ nhar il-festa.  Importanti ħafna li kull min jattendi għall-purċissjoni, l-aktar ir-reffiegħa u dawk tal-forċina, ikun liebes żarbun u kalzetti suwed. Il-purċissjoni tibda ħierġa fis-7.00 p.m.

Bħal snin oħra komplejna bix-xogħol ta’ restawr fuq l-armar li jżejjen il-knisja fil-ġimgħa tal-festa.  Għal din is-sena ħadna ħsieb insewwu u narġentaw mill-ġdid il-ventartal li jintrama matul l-Erbgħat ma’ l-artal tal-Madonna tal-Karmnu u fil-ġranet tal-festa ma’ l-

artal tal-kor. Inħadem ukoll armarju spazjuż fejn jintrefgħu ix-xemgħat tal-fratelli u armar ieħor. Biss l-akbar proġett li se tidħol għalih il-Fratellanza hu t-tiswija u l-indurar mill-ġdid tat-tużell artistiku li jintrama fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu. L-ispiża finali tlaħħaq mad-€19,000 (Lm8,000 mill-antiki). Nitolbukom biex tkunu ġenerużi bħalma dejjem kontu. Grazzi mill-qalb.

Għall-okkażjoni tal-50 sena mill-wasla tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu fil-Parroċċa tal-Fgura, il-Fratellanza tagħna ġiet mistiedna biex takkumpanja fit-tranżulazzjoni ta’ lejlet il-festa, eżattament nhar is-Sibt, 31 ta’ Lulju, 2010. Kull min hu interessat li jattendi javża lil xi membru tal-kumitat.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi, f’isem il-Kumitat kollu tal-Fratellanza, nawgura lilkom u lill-familja tagħkom, il-FESTA t-TAJBA.

**Dejjem Tagħkom,**

**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**

FRATELLANZA TAL-B.V.M. TAL-KARMELU IMWAQQFA FL-1801 - PARROĊĊA ŻURRIEQ
RETTUR - FRANCIS FARRUGIA TEL : 21641358 • MOB : 79479119
SEGRETARJU - JOSEPH BUHAGIAR TEL : 21647403 • MOB : 99488262